



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5271/22

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0113(COD)

TRANS 17
CODEC 35

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 14 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 14 final.

Mehmuż: COM(2022) 14 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.1.2022
COM(2022) 14 final

2017/0113 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea****dwar****il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq**

1. Sfond

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2017) 282 final – 2017/0113 COD):	is-6 ta' Ġunju 2017
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	is-6 ta' Diċembru 2017
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni	l-1 ta' Frar 2018
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	il-15 ta' Jannar 2019
Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	it-22 ta' Frar 2019
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	l-20 ta' Diċembru 2021

2. Objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni

L-użu ta' vetturi mikrija tal-merkanzija (minflok vetturi li huma proprjetà tal-impriżi) jista' jtejjeb l-allokkazzjoni tar-riżorsi (eż. l-ebda hteġa li l-kapital jintrabat f'vettura li ma tintużax biżżejjed) u jżid il-flessibbiltà u l-produttività tal-impriżi. Il-proposta għandha l-għan li tippromwovi l-użu ta' vetturi mikrija billi tneħħi (xi wħud) mill-possibbiltajiet biex l-Istati Membri jirrestrinġu l-użu tagħhom skont id-Direttiva 2006/1/KE¹.

L-Istati Membri attwalment jistgħu jirrestrinġu l-użu ta' vetturi mikrija ta' aktar minn sitt tunnelli, li jintużaw għal operazzjonijiet minn impriża għan-nom proprju u jistgħu jirrestrinġu, fit-territorji rispettivi tagħhom, l-użu ta' vetturi, li impriża tkun kriet barra mill-pajjiż ta' stabbiliment tagħha. Peress li l-użu ta' tali vetturi huwa permess f'xi Stati Membri iżda mhux f'oħrajn, hemm frammentazzjoni legali fl-UE, u dan jgħaliq inċertezza legali. Wieħed mill-objettivi tal-proposta kien li tinkiseb ċertezza legali għall-użu ta' vetturi mikrija madwar l-UE. Objettiv ieħor kien li jiġi permess l-użu ta' vetturi mikrija (u rreġistrati) fi Stat Membru ieħor, biex jiġu ssodisfati, b'mod partikolari, livelli għoljin ta' domanda għal żmien qasir, staġjonali jew temporanji jew biex jiġu sostitwiti vetturi difettużi jew bil-ħsara.

¹ Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq, ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82.

3. Kummenti dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill

3.1. Perjodu minimu għall-kiri

It-tul tal-perjodu minimu li fih l-Istati Membri jkollhom jippermettu l-użu ta' vetturi mikrija bi pjanċi tar-reġistrazzjoni barranin minn impriżi stabbiliti skont il-leġislazzjoni tagħhom kienet l-aktar kwistjoni kontroversjali għall-koleġislaturi. Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq soluzzjoni b'żewġ binarji, li torbot il-perjodu minimu tal-kiri mar-regoli nazzjonali għar-reġistrazzjoni tal-vetturi mikrija. L-Istati Membri jkunu liberi li jippermettu biss 30 jum konsekuttiv għall-użu ta' vetturi mikrija bi pjanċi tar-reġistrazzjoni barranin (għall-Istati Membri b'rekwiżit ta' reġistrazzjoni fi żmien 30 jum jew inqas) jew li jippermettu xahrejn użu lil tali vetturi (għall-Istati Membri b'regoli ta' reġistrazzjoni aktar "ġenerużi"). Tkun possibbli wkoll il-liberalizzazzjoni sħiħa (l-ebda rekwiżit ta' reġistrazzjoni għal vetturi barranin użati minn impriżi tal-Istat Membru), jekk Stat Membru partikolari jkun jixtieq hekk. Il-Kunsill adotta wkoll regoli li jobbligaw lill-kumpaniji tat-trasport tal-merkanzija jirreġistraw il-vetturi mikrija, anke daww mikrija fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru ta' stabbiliment, fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq.

Il-Kummissjoni tista' taqbel ma' din is-soluzzjoni ta' kompromess peress li tirrifletti l-oġettiv tal-proposta tal-Kummissjoni biex titħalla aktar flessibbiltà fis-suq tal-vetturi mikrija milli dik permessa skont id-direttiva eżistenti. Issa l-Istati Membri jistgħu jintroduċu limitazzjonijiet biss għall-impriżi tagħhom stess, filwaqt li d-direttiva eżistenti ppermettiet restrizzjonijiet fuq il-kiri ta' vetturi għal impriżi barranin. Skont id-direttiva eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jesigū r-reġistrazzjoni domestika immedjata ta' vetturi mikrija bi pjanċi tar-reġistrazzjoni barranin. Skont il-pożizzjoni tal-Kunsill issa se jkun hemm perjodu minimu ta' użu (30 jum) li l-Istati Membri kollha jkollhom jagħtu, u li matulu ma jistgħux jesigū r-reġistrazzjoni nazzjonali ta' tali vetturi (li hija għalja u ta' piż għall-impriżi). Id-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi għall-kumpaniji tat-trasport biex jirreġistraw vetturi mikrija fir-reġistri elettroniċi nazzjonali huma aċċettabbli wkoll, peress li jippermettu kontroll aħjar ta' tali vetturi mill-awtoritajiet nazzjonali.

Peress li d-direttiva mġedda x'aktarx li żżid l-użu tal-vetturi mikrija, u tali vetturi spiss ikunu aktar ġodda u aktar ekoloġiċi, din is-soluzzjoni hija wkoll ta' benefiċċju għall-ksib tal-miri klimatiċi tal-UE.

3.2. Limitazzjoni tal-possibbiltà ta' kiri għal 25 % tal-vetturi "għad-dispożizzjoni ta'" l-impriża

Fir-rigward tal-limitu minimu relatat mal-flotta tal-vetturi ta' impriża li taħtu l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża ma jistax jirrestrinġi l-użu ta' vetturi mikrija u rreġistrati fi Stat Membru ieħor, it-test tal-Kunsill jistabbilix kif ġej:

*"25 % tal-flotta tal-vetturi tal-merkanzija **għad-dispożizzjoni tal-impriża** skont il-punt (g) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel l-użu tal-vettura mikrija jew inkella fil-jum meta l-impriża tibda tuża l-vettura mikrija, kif determinat mill-Istat Membru."*

Madankollu, il-Kunsill ma riedx jinkludi vetturi, li huma għad-dispożizzjoni ta' impriża li jkunu nkrew (u li huma rreġistrati) barra mill-pajjiż. Għalhekk, pereżempju, jekk l-impriża tkun stabbilita fi Stat Membru li jagħmel użu sħiħ minn din ir-restrizzjoni, u jekk l-impriża jkollha 120 vettura għad-dispożizzjoni tagħha, li minnhom 20 ikunu rreġistrati fi Stat Membru ieħor, allura tista' tikri biss ħames vetturi oħra fi Stat Membru ieħor, biex tilħaq total ta' 25

vettura bħal dawn (25 % ta' 120-20 = 25), minflok 10 vetturi oħra bħal dawn (25 % ta' 120 = 30).

Il-Kummissjoni tista' taççetta l-pożizzjoni tal-Kunsill. Il-kunċett “għad-dispożizzjoni ta'” huwa stabbilit sew (ara l-Artikolu 1(5)(d) (iii) u l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009²) u ma jistax jinftehem ħażin bil-mod li l-frażi “vetturi li huma proprjetà ta' impriża” tista' tinftehem ħażin. Bosta trakkijiet jinħarġu b'kuntratt ta' lokazzjoni; il-lokatarji għandhom is-sjeda ekonomika, madankollu l-lokatur iżomm is-sjeda legali, għalhekk mhuwiex ċar kif għandu jinftehem il-kunċett ta' “sjeda”. “Vetturi għad-dispożizzjoni ta' impriża” naturalment huwa kunċett usa' minn “vetturi li huma proprjetà ta' impriża” peress li jinkludi wkoll il-vetturi kollha miżmuma taħt kuntratt ta' lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri, kuntratt ta' kiri jew ta' lokazzjoni u mhux biss vetturi li huma proprjetà sħiħa ta' impriża. Għalhekk, dan il-kunċett jippermetti għadd akbar ta' vetturi mikrija u jżid il-flessibbiltà għall-kumpaniji tat-trasport tal-merkanzija, li jkun argument ieħor favur l-appoġġ tiegħu.

3.3. Servizzi pprovduti għan-nom proprju

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tippermetti lill-Istati Membri jillimitaw l-użu ta' vetturi mikrija għal operazzjonijiet għan-nom proprju biss fil-każ ta' vetturi li jkunu rreġistrati fi Stat Membru ieħor, u dan irrispettivament mill-piż tal-vettura.

Il-Kummissjoni tista' taççetta din is-soluzzjoni peress li se teskludi restrizzjonijiet għal impriżi domestiċi li jwettqu operazzjonijiet għan-nom proprju b'vetturi mikrija domestikament. Tali restrizzjonijiet huma possibbli skont id-Direttiva eżistenti. Wieħed mill-punti ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni kien li titħassar din id-dispożizzjoni restrittiva ħafna, li għaliha m'hemm l-ebda hteġa tas-suq. Il-Kummissjoni tista' taççetta s-soluzzjoni tal-Kunsill li tippermetti biss restrizzjonijiet għal operazzjonijiet għan-nom proprju mwettqa b'vetturi bi pjanċi tar-reġistrazzjoni barranin. Din ir-restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata, peress li l-Istati Membri ma jistgħu jeżerċitaw l-ebda kontroll fuq tali vetturi, billi mhumuex irreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-impriżi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (li fihom biss kumpaniji tat-trasport tal-merkanzija professjonali u mhux operaturi għan-nom proprju tagħhom). Għal vetturi domestiċi għan-nom proprju, tali kontroll huwa possibbli peress li jeħtieġ li jkunu rreġistrati skont ir-regoli nazzjonali ta' reġistrazzjoni li japplikaw għall-vetturi kollha.

4. KONKLUŻJONI

Għall-Kummissjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill hija aċċettabbli. Tirrifletti l-oġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni u se żżid b'mod sinifikanti l-flessibbiltà għall-impriżi biex jużaw vetturi mikrija li huma rreġistrati fi Stati Membri oħra, jew biex jużaw tali vetturi għal skopijiet għan-nom proprju tagħhom. B'hekk hija pass importanti fl-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar il-Mobilità I. Peress li l-leġiżlazzjoni riveduta x'aktarx li żżid l-użu tal-vetturi mikrija, u tali vetturi spiss ikunu aktar ġodda u aktar ekoloġiċi, din is-soluzzjoni hija wkoll ta' benefiċċju biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija, ĠU L 300, 14.11.2009.